DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Awwissu 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2007/27/KE li tadotta ċerti miżuri tranżizzjonali rigward it-twassil ta' ħalib mhux ipproċessat lill-istabbilimenti ta' proċessar u l-ipproċessar ta' dan il-ħalib mhux ipproċessat fir-Rumanija fir-rigward tar-rekwiżiti tar-Regolamenti (KE) Nri 852/2004 u 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3653)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/557/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/27/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li tadotta ċerti miżuri tranżitorji li jikkonċernaw il-forniment tal-ħalib mhux ipproċessat lil stabbilimenti ta' l-ipproċessar u l-ipproċessar ta' dan il-ħalib mhux ipproċessat fir-Rumanija fir-rigward tal-ħtiġijiet tar-Regolamenti (KE) Nri 852/2004 u 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] tistipula listi ta' stabbilimenti ta' l-ipproċessar tal-ħalib fir-Rumanija li jikkonformaw mar-rekwiżiti strutturali stipulati fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 ("stabbilimenti konformi") u huma awtorizzati sabiex jirċievu u jipproċessaw ħalib mhux ipproċessat li mhuwiex f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 ("ħalib mhux konformi").

(2) Il-Kapitolu I ta' l-Anness għad-Deċiżjoni 2007/27/KE jelenka stabbilimenti konformi awtorizzati li jirċievu u jipproċessaw mingħajr separazzjoni ħalib konformi u ħalib mhux konformi filwaqt li l-Kapitolu II ta' dak l-Anness jelenka stabbilimenti konformi awtorizzati li jirċievu u jipproċessaw b'mod separat ħalib konformi u ħalib mhux konformi.

(3) Ċerti stabbilimenti elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness għad-Deċiżjoni 2007/27/KE għandhom diffikultajiet prattiċi sabiex jittrattaw b'mod xireaq żewġ linji separati ta' produzzjoni. Uħud minnhom għażlu li jipproċessaw ħalib konformi biss u għalhekk għandhom jitneħħew mil-lista fil-Kapitolu II ta' l-Anness għad-Deċiżjoni 2007/27/KE.

(4) Stabbilimenti oħra għażlu li jipproċessaw ħalib konformi u ħalib mhux konformi mingħajr separazzjoni u għalhekk għandhom jitneħħew minn dik il-lista u jiżdiedu mal-lista fil-Kapitolu I ta' dak l-Anness. Barra minn dan, ċerti stabbilimenti li ma jilħqux ir-rekwiżiti strutturali kollha tal-Komunità għandhom jitneħħew mil-listi ta' l-Anness għad-Deċiżjoni 2007/27/KE.

(5) Id-Deċiżjoni 2007/27/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(6) Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness għad-Deċiżjoni 2007/27/KE għandu jiġi sostitwit.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2007/27/KE jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 2 ta' Awwissu 2007

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 8, 13.1.2007, p. 45.

ANNESS

"ANNESS

KAPITOLU 1

Lista ta' stabbilimenti li jipproċessaw il-ħalib b'konformità mar-rekwiżiti strutturali tal-Komunità awtorizzati li jirċievu u jipproċessaw mingħajr separazzjoni ħalib konformi u ħalib mhux konformi

Nru	Approvazzjoni veterinarja	Isem ta' l-istabbiliment	Indirizz
1	L 70	SC Unichim Romania SRL	Unirea, Jud. Alba, 517785
2	L 45	SC I.A.C. Curtici SA	Macea, Jud. Arad, 317210
3	L 18	SC Depcoinf MBD SRL	Targu Trotus, Jud. Bacau, 607630
4	L 52	SC Trinitrom SRL	Gepiu, Jud. Bihor, 417149
5	L 1	SC Five Continents Group SRL	Rachiti, Jud. Botosani, 717310
6	L 4	SC Spicul 2 SRL	Dorohoi, Jud. Botosani, 715200
7	L 5	SC Ancal SRL	Saucenita, Jud. Botosani, 717468
8	L 77	SC Milk Way Company SRL	Prigor, Jud. Caras Severin, 327305
9	L 74	SC Cremont SRL	Aghiresu, Jud. Cluj, 407005
10	L 42	SC Lacto Panait SRL	Crucea, Jud. Constanta, 907305
11	L 43	SC Lactocorv SRL	Ion Corvin, Jud. Constanta, 907150
12	L 40	SC Betina Impex SRL	Ovidiu, Jud. Constanta, 905900
13	L 41	SC Elda Mec SRL	Topraisar, Jud. Constanta, 907210
14	L 58	SC Industrializarea Laptelui SA	Targoviste, Jud. Dambovita, 130062
15	L 91	SC Cosmilact SRL	Schela, Jud. Galati, 807265
16	L 55	SC Gordon Prod SRL	Bisericani, Jud. Harghita, 535062
17	L 66	SC Industrializarea Laptelui Harghita SA	Remetea, Jud. Harghita, 535250
18	L 65	SC Karpaten Milk	Suseni, Jud. Harghita, 537305
19	L 15	SC Teletext SRL	Slobozia, Jud. Ialomita, 920066
20	L 47	SC Oblaza SRL	Bârsana, Jud. Maramures, 437035
21	L 85	SC Avi-Seb Impex SRL	Copalnic, Manastur, Jud. Maramures, 437103
22	L 32	SC Hochland Romania SRL	Sighisoara, Jud. Mures, 545400

Nru	Approvazzjoni veterinarja	Isem ta' l-istabbiliment	Indirizz
23	L 60	SC Hochland Romania SRL	Sovata, Jud. Mures, 545500
24	L 63	S.C. Zoe Gab SRL	Fulga, Jud. Prahova, 107260
25	L 50	SC Ecolact Prod SRL	Paulesti, Jud. Prahova, 107246
26	L 53	SC Friesland Romania SA	Carei, Jud. Satu Mare, 445100
27	L 93	SC Agrostar Company Lyc SRL	Ciuperceni, Jud. Satu Mare, 447067
28	L 67	SC Gefa Impex SRL	Talmaciu, Jud. Sibiu, 555700
29	L 37	SC Magnolia Comlact SRL	Tapu, Jud. Sibiu. 556123
30	L 36	SC Prolact Prod Com SRL	Vicovu de Sus, Jud. Suceava, 727610
31	L 2	SC Ilvas SA	Vaslui, Jud. Vaslui, 730007

KAPITOLU II

Lista ta' stabbilimenti li jipproċessaw il-ħalib b'konformità mar-rekwiżiti strutturali tal-Komunità awtorizzati li jirċievu u jipproċessaw separatament ħalib konformi u ħalib mhux konformi

Nru	Approvazzjoni veterinarja	Isem l-istabbiliment	Indirizz
1	L 81	SC Raraul SA	Campulung Moldovenesc, Jud. Suceava, 725100
2	L 35	SC Danone PDPA Romania SRL	Bucuresti, 032451"